

Implimentazzjoni tar-Regolament

Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti li għandha tikkordina l-infurzar tar-Regolament. L-Istati Membri se jiddeterminaw ukoll it-tip u l-firxa ta' sanzjonijiet li għandhom japplikaw f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regolament.

Ir-Regolament jipprovdi għal "organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ" biex jiġu rrikonoxxuti mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn l-organizzazzjonijiet li se jkunu entitajiet privati, se jipprovdu lill-operaturi tal-UE b'sistemi operazzjonali ta' diliġenza meħtieġa. Għalhekk, l-operaturi jistgħu jiżviluppaw sistema tagħhom stess jew jużaw waħda żviluppata minn organizzazzjoni ta' monitoraġġ.

Għal aktar informazzjoni

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb fuq:

http://ec.europa.eu/environment/forests/illegal_logging.htm

KH-31-10-630-MT-C

© Hemera



Regolament tal-UE dwar l-Injam, li jibda japplika mit-3 ta' Marzu 2013



© iStockphoto



© L-Unjoni Ewropea, 2010
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Printed in Belgium

Printed on recycled paper that has been awarded the EU Ecolabel for graphic paper (<http://www.ecolabel.eu/>)

Il-qtugħ illegali ta' siġar hu meta jinħasad injam bi ksur tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-pajjiż tal-ħsad. Il-qtugħ illegali ta' siġar hu problema globali b'impatt sinifikattiv u negattiv fuq l-ekonomija, l-ambjent u s-soċjetà.

F'termini ekonomiċi, il-qtugħ illegali ta' siġar jirriżulta fi dħul mitluf u benefiċċji oħra mitlufa. F'termini ambjentali, il-qtugħ illegali ta' siġar hu assoċjat ma' deforestazzjoni, tibdil fil-klima u telfien tal-bijodiversità. F'termini soċjali, il-qtugħ illegali ta' siġar hu ta' spiss marbut ma' konflitti fuq art u riżorsi, man-nuqqas ta' setgħa ta' komunitajiet lokali u indiġeni u ma' konflitti armati.

L-attivitajiet illegali jdgħajfu wkoll l-isforzi ta' operaturi responsabbli billi jpoġġu fis-suq injam u produzzjoni tal-injam bi prezz irħas iżda li jkun illegali.

F'Ottubru 2010 l-UE adottat Regolament ġdid dwar l-Injam ⁽¹⁾ biex tiġġieled kontra l-kummerċ ta' injam maħsud b'mod illegali; din hija waħda minn għadd ta' azzjonijiet skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE tal-2003 dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (FLEGT).

(1) 'Regolament li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam' (UE (995/2010) <http://eur-lex.europa.eu/JOHtml.do?uri=OJ%3AL%3A2010%3A295%3ASOM%3AMT%3AHTML>)

© Hemera



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet



KUMMISSJONI
EWROPEA



Obbligi ewlenin tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam

Ir-regolament jopponi l-kummerċ ta' injam u ta' prodotti tal-injam maħsuda b'mod illegali permezz ta' tliet obbligi ewlenin:

- 1) Jipprojbixxi it-tqegħid fis-suq tal-UE ta' injam maħsud illegalment u ta' prodotti li ġejjin minn dan l-injam;
- 2) Jitlob lin-negozjanti tal-UE li jpoġġu l-prodotti tal-injam fis-suq tal-UE għall-ewwel darba, biex jeżerċitaw id-'diliġenza meħtieġa'.

Ladarba jkunu fis-suq, l-injam u l-prodotti tal-injam jistgħu jinbiegħu u/jew jiġu mibdula qabel ma jilħqu lill-konsumatur finali. Biex tinżamm it-traċċjabilità tal-prodotti tal-injam, l-operaturi ekonomiċi f'din il-parti tal-katina ta' forniment (imsemmija 'negozjanti' f'dan ir-regolament) għandhom obbligu li

- 3) iżommu reġistri tal-fornituri u tal-klijenti tagħhom.



© iStockphoto

X'inhi d-"diliġenza meħtieġa"?

Il-qofol tal-kunċett tad-'diliġenza meħtieġa' hu li l-operaturi jkollhom iwettqu eżerċizzju tal-ġestjoni tar-riskji sabiex inaqqsu r-riskju li jitqiegħed fis-suq tal-UE injam jew prodotti tal-injam maħsuda b'mod illegali.

It-tliet elementi ewlenin tas-"sistema ta' diliġenza meħtieġa" huma:

- L-informazzjoni: L-operatur għandu jkollu aċċess għal informazzjoni li tiddekrivi l-injam u l-prodotti tal-injam, il-pajjiż tal-ħsad, il-kwantità, id-dettalji tal-fornitur u informazzjoni dwar il-konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.
- Il-valutazzjoni tar-riskji: L-operatur għandu jevalwa r-riskju ta' injam illegali fil-katina tal-provvista tiegħu, skont l-informazzjoni identifikata hawn fuq u billi jikkunsidra l-kriterji stabbiliti fir-regolament.
- Mitigazzjoni tar-riskji: Meta l-valutazzjoni turi li hemm riskju ta' injam illegali fil-katina ta' forniment, dak ir-riskju jista' jitnaqqas billi tintalab iżjed informazzjoni u verifika mingħand il-fornitur tiegħu.

Il-Kummissjoni Ewropea, sa Ġunju 2012, se tiżviluppa regoli aktar iddettaljati dwar is-"sistema ta' diliġenza meħtieġa".

Liema prodotti jkopri r-Regolament?

Ir-Regolament ikopri firxa wiesgħa ta' prodotti tal-injam li jinkludu prodotti ta' injam mastizz, prodotti għall-kisi tal-art, plajwudd, għaġna tal-karti u karta. Mhumiex inklużi prodotti riċiklati, kif ukoll rattan, bambù u karti stampati bħal kotba, rivisti u gazzetti. Jekk ikun meħtieġ, l-ambitu tal-prodott jista' jiġi emendat.

Ir-Regolament japplika kemm għal injam u prodotti tal-injam impurtati, kif ukoll għal dawk immanifatturati lokalment.

Injam u prodotti tal-injam koperti minn liċenzji validi tal-FLEGT ⁽²⁾ jew is-CITES ⁽³⁾ huma kkunsidrati li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

⁽²⁾ <http://ec.europa.eu/environment/forests/flegt.htm>

⁽³⁾ http://ec.europa.eu/environment/cites/home_en.htm



© Comstock